

Brussell, 24 ta' April 2026
(OR. en)

8534/26

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0228 (COD)

AGRI 306
AGRILEG 99
SEMENCES 17
PHYTOSAN 30
FORETS 65
CODEC 756

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 149 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 149 final.

Mehmuż: COM(2026) 149 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.4.2026
COM(2026) 149 final

2023/0228 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/2031 u 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE (ir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti)

1. KUNTEST

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2023) 415 final – 2023/0228 COD):	is-6 ta' Lulju 2023
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	it-13 ta' Diċembru 2023
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	l-24 ta' April 2024
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	mhux applikabbli
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	il-21 ta' April 2026

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-objettiv ewlieni tal-proposta jikkonċerna l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti ta' kwalità għolja fl-Unjoni u l-funzjonament tas-suq intern fis-settur tal-materjal riproduttiv tal-foresti.

Il-proposta ssaħħaħ ir-rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-karatteristiċi sostenibbli tas-siġar ġenituri biex jitħaffef l-adattament tal-foresti għat-tibdil fil-klima. Għandha l-għan li ssaħħaħ il-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti billi tintroduċi regoli simplifikati li bis-saħħa tagħhom tkun possibbli l-għażla ta' siġar ġenituri ġenetikament differenti. Tagħti wkoll l-opportunità lill-Istati Membri biex ifasslu pjanijiet ta' kontinġenza ħalli jiżguraw provvista biżżejjed ta' materjal riproduttiv tal-foresti għar-riforestazzjoni taż-żoni milquta minn nirien u minn diżastri oħra. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jgħinu biex jinħolqu foresti reżiljenti u jiġu restawrati l-ekosistemi tal-foresti, filwaqt li jappoġġaw il-produzzjoni tal-injam u tal-bijomaterjali kif ukoll l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-mitigazzjoni tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-proposta tallinja l-leġiżlazzjoni mal-iżviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi (proċessi innovattivi għall-produzzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti, tekniki bijomolekulari u diġitalizzazzjoni) kif ukoll ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra (eż. ir-Regolament (UE) 2016/2031 dwar is-saħħa tal-pjanti) u tistabbilixxi sistemi ta' kontroll

uffiċjali strutturati tajjeb abbażi tal-prinċipji tar-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali (ir-Regolament (UE) 2017/625).

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fit-8 ta' Diċembru 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

- **Dwar il-kontrolli uffiċjali (l-Artikoli 28, 29, 30 u 36):** it-test ta' kompromess maqbul mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali għar-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti rigward l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali, b'raba mar-rekords bil-miktub tal-kontrolli uffiċjali, billi jinkludi dik id-dispożizzjoni fl-Artikolu 36 tar-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti. Barra minn hekk, it-test ta' kompromess jirriproduċi aktar dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-kontrolli uffiċjali f'għamla simplifikata fir-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti, inkluż iċ-ċertifikazzjoni uffiċjali, bħala paragrafu ġdid fl-Artikolu 20; dwar il-kontrolli tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, bħala Artikolu 30 ġdid; dwar il-penali, bħala Artikolu 34 ġdid; u dwar it-trasparenza tal-kontrolli uffiċjali, bħala Artikolu 29 ġdid.
- **Rigward l-approvazzjoni tal-materjal bażiku għall-finijiet ta' konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti (l-Artikolu 6):** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar il-proposta ta' kompromess tal-Kummissjoni (it-tfassir tal-Artikolu 18 tal-proposta tal-Kummissjoni u l-abbozzar mill-ġdid tal-Artikolu 6). L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operaturi professjonisti biex japprovaw il-materjal bażiku għall-finijiet tal-konservazzjoni tar-riżorsi ġenetiċi tal-foresti. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu wkoll dwar l-inklużjoni ta' dak il-materjal bażiku fir-reġistru nazzjonali (il-materjal bażiku elenkat fir-reġistru nazzjonali biss jista' jiġi kummerċjalizzat).
- **Dwar ir-rekwiżiti tal-kummerċjalizzazzjoni għall-materjal riproduttiv tal-foresti rigward il-pesti li jaffettwaw il-kwalità (l-Artikolu 5):** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu fuq l-emenda tal-Parlament dwar l-inklużjoni ta' dispożizzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 5(1), il-punt (d), li tirrikjedi li biex il-materjal riproduttiv tal-foresti jiġi kummerċjalizzat irid ikun ħieles mill-pesti li jaffettwaw il-kwalità, jew il-preżenza ta' tali pesti fuq dak il-materjal riproduttiv tal-foresti tant tkun ftit li dawk il-pesti ma jaffettwawx b'mod negattiv il-kwalità tiegħu. Il-ftehim finali jżomm din id-dispożizzjoni, kemxejn adattata u akkumpanjata minn definizzjoni korrispondenti skont l-Artikolu 3, il-punt 47, ħalli jiġi żgurat li l-kontrolli relatati biex jiġi vvalutat jekk hemmx sintomi ta' pesti li jaffettwaw il-kwalità jitwettqu abbażi tar-riskju u jkunu limitati għal spezzjonijiet viżwali, u b'hekk jittaffew il-piżijiet amministrattivi potenzjali.
- **Dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza (l-Artikolu 9):** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu dwar kompromess qrib il-mandat tal-Kunsill fejn il-pjanijiet ta' kontinġenza jibqgħu volontarji. Fuq talba tal-Parlament, ġiet estiża l-lista ta' elementi li jistgħu jiġu inklużi fil-pjan(ijiet). Barra minn hekk, żdiedet setgħa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(4) biex din tal-aħħar tispeċifika l-elementi li jappoġġaw l-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinġenza.

- **Dwar id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (l-Artikolu 39):** il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu li jstabilixxu d-data tal-applikazzjoni għal 5 snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-materjal riproduttiv tal-foresti f'konformità mal-mandat tal-Kunsill.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.